Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Numru. 66/2003

**Il-Pulizija
(Spettur Maurice Curmi )**

**- vs -**

**Carmelo James Grech iben Anthony u Vanessa nee Webb imwieled fil-5 ta' Gunju 1985 u li joqghod Nru 26, Triq Kemmuna, Ghajnsielem, Ghawdex.**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat talli fid-9 ta' Frar, 2003 ghall-habta tas-7:00 p.m. gewwa Triq Imgarr, Ghajnsielem, saq vettura Numru JAR 656 ta' ghamla BMW 1) b'manjiera traskurata, negligenti, perikoluza u billi qabez id-double white line li hemm fl-imsemmija triq 2) saq l-imsemmija vettura bi speed eccessiv, 3) aktar talli

saq l-imsemmija vettura minghajr ma kellu licenzja tas-sewqan mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew l-Awtorita` ta' Trasport ta' Malta, 4) aktar talli involontarjament ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Joe Agius mix-Xaghra u Lorainne Formosa minn San Lawrenz skond kif iccertifikati minn Dr Mario Victor Masini M.D. ta' l-Isptar Generali ta' Ghawdex, 5) aktar talli fuq suspett li kien qieghed isuq l-imsemmija vettura taht l-influwenza ta' xorb jew drogi rrifjuta li jaghti kampjun tan-nifs u tad-demm skond il-ligi, 6) aktar talli saq l-istess vettura minghajr ma kien kopert b'polza ta' assigurazzjoni ghal riskju ta' terzi persuni.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija l-akkuzat tiskwalifikah mill-licenzja tas-sewqan ghal zmien xieraq.

Semghet il-provi;

Semghet l-ammissjoni fuq l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u s-sitt akkuzi u taghhom issibu hati;

Ma ssibux hati tat-tieni u l-hames akkuzi stante li mhux pruvat u tilliberah minnhom;

Rat l-artikoli 15 (1) (a) tal-Kap 65; 328 (d) u 221 tal-Kap 9, Regolament 88 ta' l-Avviz Legali 128/1994 u 3 tal-Kap 104;

Tikkundannah ghall-hlas ta' ammenda ta' hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm250 bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 37 tal-Kap 9. Oltre dan tiskwalifikah milli jkollu jew jottjeni licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt xhur minn meta jaghlaq it-tmintax-il sena.

--------------------------------TMIEM--------------------------------